

Brussell, 27 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15668/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0265(COD)

TRANS 515
CLIMA 572
ENV 1336
COMPET 1140
CODEC 2198

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 11722/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2023 bħala parti mill-Pakkett "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku".
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-Pakkett "Nagħmlu t-Trasport Aktar Ekoloġiku" f'żewġ partijiet. L-ewwel parti ġiet proposta fit-13 ta' Lulju 2023 u tikkonsisti fil-proposta fis-suġġett, flimkien ma' proposta għal Regolament għal qafas armonizzat għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri (inizjattiva CountEmissions EU) u proposta għal Regolament dwar l-użu tal-kapaċità ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea. It-tieni parti tal-pakkett ġiet proposta fis-7 ta' Novembru 2023 u tikkonsisti fil-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-ispejjeż esterni u l-ġenerazzjoni ta' data aggregata (Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat).

Il-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, minn hawn 'il quddiem "Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq", għandha tliet objettivi: (a) biex jiġi żgurat aħjar il-moviment liberu u effiċjenti tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta, (b) jiġu pprovduti inċentivi suffiċjenti għas-settur biex jitħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero u (c) jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti u konsistenti tar-regoli ġodda u eżistenti.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Isabel GARCIA MUÑOZ (S&D, ES) bħala r-rapporteur.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-582 sessjoni plenarja tas-26 ta' Ottubru 2023. Il-Kumitat tar-Regġuni għadu ma adottax l-opinjoni tiegħu.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

5. Matul il-Presidenza Spanjola, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt. Fl-4 u d-19 ta' Settembru, fis-6, is-16 u t-23 ta' Ottubru u fit-13 ta' Novembru l-Grupp ta' Ħidma kompla bl-eżami dettaljat tal-proposta.

IV. ĦIDMA GĦAL KOMPROMESS

6. L-ewwel nett, sabiex jiġi żgurat aħjar il-moviment liberu u effiċjenti tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta, il-ħidma ffukat fuq li r-regoli eżistenti jsiru aktar ċari u li d-Direttiva eżistenti tiġi kkomplementata b'regoli neqsin. Il-Presidenza sabet fehim komuni dwar il-biċċa l-kbira tal-elementi li ġew proposti mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.

7. Fir-rigward tal-permessi li għandhom jingħataw għall-ġarr ta' tagħbijiet indiviżibbli u l-proposta li l-Istati Membri jistgħu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej (EMS), dment li jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet, hemm fehim komuni dwar it-triq 'il quddiem. Hemm ukoll appoġġ għall-proposta mill-Kummissjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu funzjoni ta' punt uniku ta' servizz biex jiżguraw punt ta' aċċess nazzjonali uniku għall-permessi għal tagħbijiet indiviżibbli, għall-kisba u l-aċċess għall-informazzjoni biex jinkisbu dawn il-permessi u finalment għall-kisba u l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-EMS fi Stat Membru partikolari. L-Istati Membri jitolbu aktar żmien biex jimplimentawha.
8. Il-Kummissjoni pproponiet li tarmonizza r-regoli għat-trasportaturi tal-vetturi u li tiċċara r-regoli fir-rigward tal-użu ta' appoġġi għat-tagħbija u l-isporġenza kemm fuq quddiem kif ukoll minn wara. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw ukoll din l-armonizzazzjoni bi kjarifiki żgħar. Madankollu, grupp ta' Stati Membri ma jistgħux jaqblu li jżidu l-għoli massimu għall-vetturi li jgħorru kontejners b'kubatura għolja.
9. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tad-Direttiva tal-Kunsill fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija ġiet ippreżentata biss fis-7 ta' Novembru u għandha interkonnessjonijiet mal-proposta dwar id-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunċett ta' operazzjonijiet ta' trasport intermodali. Għal din ir-raġuni, għadd sinifikanti ta' Stati Membri huma favur li ż-żewġ proposti jiġu nnegożjati u ttrattati b'mod parallel. Dan ser jeħtieġ aktar ħidma biex wieħed jara kif jiġi żgurat l-allinjament bejn dawn iż-żewġ proposti.
10. It-tieni nett, ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġu pprovduti biżżejjed inċentivi għas-settur biex jitħeġġu l-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero, speċjalment biex jinftehem aħjar l-impatt potenzjali ta' vetturi itqal li jsuqu fuq l-infrastruttura eżistenti u dak li dan jinvolti għall-manutenzjoni u l-bini ta' toroq ġodda.
11. Il-Kummissjoni pproponiet xi modifiki biex jiġu internalizzati l-bidliet fir-regoli tal-approvazzjoni tat-tip li integraw ir-regoli dwar il-kabini ajrudinamiċi u wkoll biex jippermettu li tintuża l-konċessjoni tat-tul żejjed biex jiġu installati teknoloġiji b'emissjonijiet zero. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw dan.

12. Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għal piż awtorizzat miżjud għal vetturi b'emissjonijiet zero, ser tkun meħtieġa aktar ħidma biex wieħed jara kemm dan jista' jkollu impatt fuq l-infrastruttura eżistenti u kif iż-żieda fil-piż ser tinfirx bl-aħjar mod fuq il-fusien differenti tal-vetturi. Bħalissa għaddejja diskussjoni dwar kif l-aħjar tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn l-użu ġenerali ta' vetturi b'teknoloġija b'emissjonijiet zero meta mqabbla mal-vetturi li llum jaħdmu bil-fjuwils fossili. Il-modalitajiet eżatti ta' din it-tranżizzjoni ser jeħtieġu aktar investigazzjoni.
13. Fl-aħħar nett, biex jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti u konsistenti tar-regoli ġodda u eżistenti, l-Istati Membri jinterpretaw il-proposta tal-Kummissjoni fl-Artikolu 6 bħala relatata mal-provi li għandhom jinġarru mill-vetturi, għalkemm l-Istati Membri ma jappoġġawx li jinbidlu r-regoli tal-pjattaforma tal-eFTI adottata reċentement u jużaw il-pjattaforma tal-eFTI biex juru d-dokumentazzjoni fir-rigward tal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali. Fir-rigward tal-kontroll ta' vetturi mgħobbija żżejjed, l-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar l-użu ta' sistemi awtomatiċi installati fit-triq u jallinjawh mar-rekwiżiti u l-għadd ta' sistemi li għandhom jiġu varati, peress li ser jiġi rregolat fir-Regolament TEN-T. L-Istati Membri jaqblu wkoll li jintroduċu Artikolu 10da ġdid fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' skemi ta' Politika ta' Aċċess Intelliġenti biex jirregolaw, jimmonitorjaw u jiffaċilitaw l-aċċess ta' vetturi heavy-duty għal toroq jew żoni speċifiċi.

V. KONKLUŻJONIJIET

14. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress fil-ħidma rigward ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq.